**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 15 ta' Gunju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**JOSEPH FRIGGIERI**

Kump Nru 149/2001

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Friggieri detentur ta' karta tal-identita bin-numru 201766(M),** gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-sena 1999 u fix-xahar ta' Gunju 2000 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istes dispozizjoni tal-ligi:

1. Ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligu jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati,nkella illi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamilt falsifikazzjoni tal-firma ta' missierek Joseph Senior Friggieri fuq

cekkijiet tal-Bank of Valletta ta’ Carousel Co. Limited u aktar talli xjentement ghamiltu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ Carousel Co. Limited u persuni ohra, illi meta jigu pperzentati wiehed jista jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti jew jibgor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbiku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbiku tal-Gvern u aktar talli ghamilt uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

3. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b’qerq iehor, ngann jew billi urejt haga b’ohra sabiex iggieghel ittwemmen ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamilt qliegh ta’ LM11,724 ghad-detriment ta’ Joe Calleja, Carouel Co. Limited Bank of Valletta bi hsara ghal Joe Calleja, Carousel Co. Limited, Bank of Valletta u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Ikkommetejt serq ta’ cheque book tal-Bank of Valletta mahrug lil Carousel Co. Limited u dan ghad-detriment tal-Bank of Valletta, Carousel u persuni ohra bi ksur tal-Artikolu 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

5. Ukoll talli minn Jannar sa April 1999 b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdejt b’qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh bi hsara ghall-General Soft Drinks u dan billi prezentajt tlett cekkijiet tal-Bank of Valletta mahrugin fuq l-akkont ta’ Joe Friggieri Caterers ghal ammont globali ta’ LM1595.55 u dan bi ksur tal-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-3 ta' April 2001 sabiex din il-kawza tigi ttrattata bil-procedura sommarja.

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 15 ta' Gunju 2016 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lill-imputat qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda bikrija.

Jehtieg li ssir parentezi zghira u generali dwar id-dewmien li ha dan il-process. Diversi fatturi kkontribwew ghal dan il-fatt, fosthom izda mhux biss, il-fatt li fit-12 ta` Lulju 2004, l-atti ta` din il-kawza flimkien ma hafna ohrajn, gew distrutti minhabba nirien li hakmu l-awla fejn kienu qed jinzammu u naturalment, ir-rikostruzzjoni tal-process jiehu z-zmien.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 183, 184, 167, 169, 308, 309 u 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib lil Joseph Friggieri hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u konsegwentement tikkundannah ghal piena komplessiva ta` hmistax (15)-il xahar prigunerija**.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur